FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)

SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 23 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA

SPETTUR DENNIS THEUMA

VS

ANDREI GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Andrei Grech ta' 16 il-sena iben Carmel u Mary Carmel nee Zammit u li huwa residenti Swanlake, Bontempo Estate, Il-Wied ta' Hal Balzan, Balzan u bin-numru tal-identita 212785M talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn 14 u 15 ta' Marzu 2002 mill-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Balzan go Main Street, Balzan ikkommetta serq ta' set tat-telefon ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok. Dan kollu bi ksur tal-artikoli 263(a), 269(f)(g) u 270 rispettivament tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikatament il-bieb ta' barra tal-hassa ta' Hal Balzan u is-set tat-telefon mehud mill-istess ghassa u dan ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara teccedi l-ghaxar liri maltin izda ma teccedix l-hamsin liri maltin u dan bi ksur tal-artikolu 325© tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-23 ta' Mejju 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 270, u 271 tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u tqieghed lill-istess imputat taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn taht is-supervizzjoni tal-probation officer Carmen Nygaard.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.